

TWEĠIBIET LILL-PARLAMENT EWROPEW
KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT
Janez LENARČIČ
Kummissarju nnominat għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet

1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali

X'aspetti tal-kwalifiki u l-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? X'jimmotivak? Kif se tikkontribwixxi għall-preżentazzjoni tal-aġenda strateġika tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek?

X'garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

Għandi l-privileġġ li ili naħdem għal aktar minn kwart ta' seklu fuq il-promozzjoni tal-valuri Ewropej, l-istabbiltà, il-paċi u d-demokrazija. Ħafna minn dan iż-żmien ħdimt mill-qrib ħafna mal-istituzzjonijiet tal-UE. Għal dawn l-aħħar tliet snin, kont Rappreżentant Permanenti tar-Repubblika tas-Slovenja għall-UE. Qabel, servejt bħala Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej taħt erba' gvernijiet differenti. F'dan ir-rwol, mexxejt ukoll l-Uffiċċju tal-Gvern għall-Affarijiet Ewropej u matul il-presidenza Slovena fl-2008 ikkoordinajt il-ħidma tad-dipartimenti kollha tal-gvern. Permezz ta' din l-esperjenza kelli l-privileġġ li nirrappreżenta lill-Kunsill fil-Parlament Ewropew u għandi memorji sbieħ tal-iskambji tiegħi mal-Membri Onorevoli matul id-dibattiti tematiċi u l-ħin għall-mistoqsijiet. F'din il-kapaċità, irrappreżentajt l-interess ġenerali u mhux l-interess nazzjonali partikolari, ċirkostanza li ppermettietli nifhem il-valur tar-relazzjonijiet trasparenti u li juru rispett bejn iż-żewġ istituzzjonijiet.

Għandi wkoll rekord b'saħħtu ta' ħidma fuq id-drittijiet tal-bniedem u d-difiża tad-demokrazija u tal-valuri demokratiċi. Kont ir-rappreżentant tas-Slovenja fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) u ippresedejt il-kunsill permanenti tagħha fl-2005 filwaqt li għent biex innaqqas id-differenzi bejn il-Lvant u l-Punent fuq diversi kwistjonijiet. Aktar tard, servejt għal żewġ mandati sħaħ bħala Direttur tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem fejn issorveljajt il-ħidma ta' aktar minn 150 mara u raġel impenjati li jipprovdu appoġġ lill-gvernijiet u lis-soċjetà ċivili fl-isforzi tagħhom biex jippromwovu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, it-

tolleranza u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni, minn Vancouver sa Vladivostok. F'din il-kapaċità, ħdimt b'mod regolari mal-Parlament Ewropew, speċjalment fil-qasam tal-promozzjoni ta' elezzjonijiet demokratiċi madwar id-dinja.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, kelli l-privileġġ li nieħu sehem fil-ħidma tal-Konvenzjoni dwar il-Futur tal-Ewropa fl-2002 u l-2003, fejn ħdimt flimkien ma' ħafna nisa u rġiel brillanti biex nistabbilixxu direzzjoni għall-futur tal-UE. Ninsab ħerqan li nikkontribwixxi l-esperjenza li ksibt bil-parteċipazzjoni tiegħi fil-Konvenzjoni dwar il-Futur tal-Ewropa fl-2002 u l-2003 għall-operat ta' din il-Kummissjoni. Għalhekk, ninsab ħerqan li nuża din l-esperjenza biex nikkontribwixxi għad-diskussjonijiet li jikkonċernaw il-Konferenza li jmiss dwar il-Futur tal-Ewropa.

Nemmen li l-kwalifiki u l-esperjenza professjonali tiegħi se jgħinuni biex nikkontribwixxi għall-interess ġenerali Ewropew u biex nikseb riżultati dwar il-prijoritajiet tal-Unjoni flimkien mal-President u l-Kulleġġ ġenerali.

X'jimmotivak?

Il-fatt li fid-dinja moderna, konnessa u teknoloġikament avvanzata tagħna, kważi 130 miljun persuna jeħtieġu għajjnuna umanitarja hija aberrazzjoni. Madwar id-dinja, inkluż hawnhekk fl-Ewropa, miljuni ta' ħajjiet ta' nies u mezzi ta' għajxien tan-nies diġà jinsabu f'riskju ta' diżastri naturali, u din is-sitwazzjoni se tmur għall-aġħar minħabba l-kriżi tal-klima. Il-firxa ta' sfidi li qed niffaċċjaw jitlob aktar minn qatt qabel approċċi integrati li jiġbru r-riżorsi u l-għarfien minn għadd kbir ta' diversi komunitajiet politiċi u ta' partijiet interessati differenti. Nilqa' l-opportunità li nkun parti mill-isforzi biex jiġi żviluppat aktar ir-rispons tal-UE għal dawn l-isfidi, billi naħdem mill-qrib flimkien mal-Kummissarji kolleġi tiegħi. Fi żmien ħames snin, nixtieq nara li nkunu għamilna differenza, li nkunu ħallejna warajna anqas tbatija u soċjetajiet, komunitajiet u individwi aktar reżiljenti; ambjent naturali aktar san u aktar reżiljenti; u Ewropej li jemmnu fil-futur.

Kif se tikkontribwixxi għall-preżentazzjoni tal-aġenda strateġika tal-Kummissjoni?

L-għajjnuna umanitarja hija l-qalba tar-rispons Ewropew għall-kriżijiet u għad-diżastri, tgħin lill-vittmi, tistabbilizza s-soċjetajiet ospitanti, turi tmexxija Ewropea, u tibni koalizzjonijiet fuq il-bażi ta' valuri Ewropej. Se naħdem mar-Rappreżentant Għoli / Viċi President u Kummissarji oħra fuq l-iżvilupp ta' approċċ integrat, li jiżgura li l-politiki umanitarji, ta' żvilupp, ta' sigurtà u oħrajn bħall-klima u l-ambjent jaħdmu kollha flimkien. Dan huwa meħtieġ sabiex ikun hemm rabta aħjar bejn l-għajjnuna urġenti u s-soluzzjonijiet aktar fit-tul għal kriżijiet serji u li ilhom għaddejjin u biex jiġu żgurati l-effettività u l-effiċjenza tal-għajjnuna li nagħtu. Jeħtieġ li niżguraw li l-assistenza tiġi adatta għall-ħtiġijiet ta' benefiċjarji speċifiċi inklużi n-nisa u t-fal, li huma partikolarment vulnerabbli f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Se nissorvelja l-azzjoni koordinata fir-rispons għall-kriżijiet u l-ġestjoni tal-kriżijiet. B'mod partikolari, se nimpenja ruħi biex insaħħaħ ir-rwol taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għal Rispons ta' Emerġenza bħala l-uniku ċentru operazzjonali li jimmaniġġja r-rispons rapidu u effettiv tal-UE għal firxa wiesgħa ta' kriżijiet fid-dar u madwar id-dinja. Se nimpenja ruħi biex iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għal Rispons ta' Emerġenza ikun imħejji aħjar biex jirreaġixxi malajr u b'mod effettiv għal theddidiet ġodda u emerġenti, inklużi emerġenzi ta' impatt qawwi u bi probabbiltà baxxa, filwaqt li nagħmel użu minn kapaċitajiet speċjalizzati.

Beħsiebni neżamina wkoll kif l-Ewropa tista' tipprevjeni u tħejji aħjar għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Beħsiebni naħdem mill-qrib mal-kollegi tiegħi responsabbli għall-ambjent, l-oċeani, il-klima u l-portafolji kollha inklużi l-investimenti fl-Ewropa u barra minnha, fuq kif niżguraw li nreġġgħu lura l-kriżi ambjentali u tal-klima u ntejbju r-reżiljenza tal-ambjent naturali u tas-soċjetajiet tagħna. Se nappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali u lokali tar-riskju ta' diżastri, jekk dawn ma jkunux diġà fis-seħħ, u biex jitjieb l-aċċess għal sistemi ta' twissija bikrija.

Se naħdem mal-Istati Membri biex niżguraw li jkollna l-għadd u t-tip ta' riżorsi sabiex nagħmlu użu mill-potenzjal sħiħ tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili il-ġdid.

Għalhekk, għandi l-intenzjoni li nikkontribwixxi għall-firxa ta' prijoritajiet stabbiliti mill-President elett, u nħoss li nista' nagħmel kontributi partikolari għal Ewropa aktar b'Saħħitha fid-Dinja u Patt Ekoloġiku Ewropew.

Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek?

Skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jien nimpenja ruħi favur l-oġġettiv li nelimina l-inugwaljanzi u li nippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-attivitajiet kollha taħt ir-responsabbiltà tiegħi. Se nsegwi l-eżempju tal-President elett von der Leyen li poġġiet l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fuq quddiem fuq l-aġenda tagħha u ħadet l-impenn li ssawwar tim li jkollu bilanċ bejn il-ġeneri u beħsiebni napplika l-istess prinċipju meta niffirma l-kabinett tiegħi.

Fix-xogħol tiegħi se naqbel kompletament mal-inizjattiva "No-Women-No-Panel" immedija f'Marzu 2018. Se nibni fuq l-isforzi li l-Unjoni Ewropea diġà għamlet biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-bniet u n-nisa kemm fil-qasam umanitarju kif ukoll fir-rispons għall-emerġenzi, bil-ħsieb li nkompli ntejjibhom.

X'garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar it-twettagħ ta' dmirijietek fi ħdan il-kummissjoni?

Nimpenja ruħi li nirrispetta bla waqfien, mill-mument li fih ninħatar, l-obbligi ta' indipendenza, ta' trasparenza, ta' imparzjalità u ta' disponibbiltà kif stipulat fl-Artikolu 17(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 245 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Jekk niġi kkonfermat, se naderixxi skrupolożament b'mod partikolari mal-obbligu li naġixxi fl-interess Ewropew u li ma nieħu l-ebda istruzzjoni minn xi gvern jew minn xi entità oħra. Se nonora wkoll b'diliġenza l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tagħha dwar il-kunflitti ta' interess. Id-Dikjarazzjoni tal-Interessi tiegħi hija kompluta u aċċessibbli għall-pubbliku, u se naġġornaha fil-pront jekk tkun meħtieġa xi bidla.

2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Kif tivvaluta r-rwol tiegħek bħala Membru tal-Kulleġġ tal-Kummissarji?

L-ewwel u qabel kollox beħsiebni naġixxi bħala membru impenjat tal-Kulleġġ. Nemmen bis-sħiħ li l-Kummissjoni taġixxi bħala korp kolleġjali fejn il-Membri kollha jistgħu jikkontribwixxu u se jikkontribwixxu għat-twettiq ta' riżultati flimkien u fejn id-diskussjoni u d-dibattitu jwasslu għal deċiżjonijiet tajbin u trasparenti fl-interess taċ-ċittadini Ewropej.

Bħala Kummissarju għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet, jien nara r-rwol tiegħi bħala kemm li mmexxi l-ħidma tal-għajjnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili tal-Kummissjoni kif ukoll dak ta' koordinazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni tal-kriżijiet b'mod aktar wiesa', filwaqt li naturalment naħdem mill-qrib mal-President, ir-Rappreżentant Għoli / Viċi President u Kummissarji oħra.

Se jkun hemm kriżijiet fejn se jkollna bżonn nimmobilizzaw strumenti differenti, kemm interni kif ukoll esterni, biex nirrispondu malajr u b'mod effettiv. It-tfaqqiġ tal-Ebola, il-kriżijiet fis-Sirja jew fis-Saħel huma biss ftit eżempji li juru kemm dan huwa importanti. Biex jiġu indirizzati b'mod effikaċi u nsalvaw il-ħajjiet, jeħtieġ li l-għajjnuna umanitarja titwassal rapidament. Flimkien ma' dan, irridu niddisinjaw u nimmaniġġjaw b'mod effettiv l-għajjnuna għall-iżvilupp biex ngħinu bi sfidi fuq terminu medju u twil. Fl-aħħar iżda mhux l-anqas, irridu naħdmu wkoll mas-sħab internazzjonali tagħna biex nindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-kriżijiet. Bħala Koordinatur tal-UE għal Rispons ta' Emerġenza, nara r-rwol tiegħi ta' koordinazzjoni u sorveljanza għal rispons Ewropew rapidu u effettiv għal kriżi immedjata bl-użu tal-istrumenti kollha disponibbli, u li jiġbor flimkien il-politiki u l-azzjonijiet kollha biex jiġu trattati l-konsegwenzi fuq perjodu medju u twil u biex jiġu evitati l-ewwel u qabel kollox. Għal dan il-għan, beħsiebni naħdem mill-qrib ma' Kummissarji oħrajn meta nkunu qed nirreaġixxu għal kriżi u se naħdem mal-Kulleġġ sħiħ biex nasal għal opinjoni konġunta dwar kif niżgura thejjiha effettiva għad-diżastri b'mod ġenerali, anki fil-kuntest tal-isforzi individwali u kollettivi biex niżguraw it-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

Inħoss li huwa partikolarment importanti li naħdem mill-qrib mal-kollegi responsabbli għall-prevenzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-ambjent u l-oċeani.

Se naħdem mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli / Viċi President u ma' Kummissarji oħra responsabbli għar-relazzjonijiet esterni biex niżgura komplementarjetà fost l-azzjonijiet tagħna biex jiġi żgurat li naħdmu b'mod konġunt, effettiv u effiċjenti, u li nipprojetaw UE b'saħħitha fix-xena globali. Inserraħ ukoll fuq l-impenn sod tiegħi li nirrispetta l-oġettivi u l-prinċipji speċifiċi tal-għajjnuna umanitarja, b'mod partikolari n-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza minn oġettivi politiċi, ekonomiċi, militari jew oħrajn. L-għan tiegħi huwa wkoll li, kull fejn meħtieġ u possibbli, nuża l-effett ta' lieva tal-piż diplomatiku tal-UE biex jiġi promoss ir-rispett tal-Liġi Umanitarja Internazzjonali, speċjalment is-sikurezza tal-ħaddiema umanitarji u l-aċċess umanitarju mingħajr xkiel.

F'liema rigward tqis li inti responsabbli lejn il-Parlament u li trid tagħtih rendikont tal-azzjonijiet tiegħek u ta' dawk tad-dipartimenti tiegħek?

L-impenn fil-konfront tal-Parlament Ewropew huwa importanti ħafna għalija. Nara xogħli bħala djalogu kontinwu magħkom u, jekk niġi kkonfermat, se nkun għad-dispożizzjoni

tiegħek biex nirrapporta regolarment dwar l-attivitajiet tiegħi u dawk tad-dipartiment tiegħi. Beħsiebni nibbaża ruħi fuq il-prinċipji gwida tas-sinċerità, il-fiduċja reċiproka, l-effiċjenza u l-iskambju regolari tal-informazzjoni. Se nipprova norganizza laqgħat ta' djalogu regolari mal-Kumitati tal-Parlament u, f'konformità mal-Linji Gwida tal-President elett von der Leyen se nkun disponibbli li nieħu sehem fil-laqgħat ta' kumitati l-oħra kollha u d-diskussjonijiet tat-trilogu. Se niżgura li l-kumitati rilevanti jkunu involuti fi kwalunkwe żvilupp importanti taħt ir-responsabbiltà tiegħi.

X'impenji speċifiċi lest tieħu f'termini ta' trasparenza akbar, aktar kooperazzjoni u segwitu effikaċi għall-pożizzjonijiet u t-talbiet għal inizjattivi leġiżlattivi tal-Parlament? B'rabta mal-inizjattivi ppjanati jew il-proċeduri li għaddejjin, lest li lill-Parlament tagħtih informazzjoni u dokumenti bl-istess mod li tagħtihom lill-Kunsill?

Nimpenja ruħi għal aktar trasparenza fix-xogħol leġiżlattiv tal-UE u beħsiebni nimplimenta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni u l-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Nimpenja ruħi wkoll li nibbaża r-relazzjonijiet ma' servizzi taħt ir-responsabbiltà tiegħi fuq il-prinċipji ta' lealtà, fiduċja, trasparenza, skambju bidirezzjonali tal-informazzjoni u assistenza reċiproka. Speċifikament, se niżgura fluss regolari ta' informazzjoni mal-President tal-kumitati parlamentari rilevanti, nikkomunika direttament mal-membri tal-kumitat, u niżgura li nkun disponibbli għal-laqgħat bilaterali. Se niżgura wkoll li l-Parlament Ewropew jiġi infurmat regolarment, speċjalment qabel avvenimenti kbar u fi stadji ewlenin tan-negozjati internazzjonali fl-oqsma taħt ir-responsabbiltà tiegħi.

Il-President elett von der Leyen tappoġġa d-dritt ta' inizjattiva għall-Parlament Ewropew. Hija impenjat ruħha li l-Kummissjoni ssegwi r-riżoluzzjonijiet parlamentari adottati mill-maġġoranza tal-membri tagħha b'att leġiżlattiv, b'rispett sħiħ lejn il-prinċipji ta' proporzjonalità, sussidjarjetà u tfassil aħjar tal-liġijiet. Jien naqbel kompletament ma' dan l-oġettiv. Bħala parti mill-impennli jmiss tal-Kulleġġ għal sħubija approfondita mal-Parlament Ewropew, se naħdem id f'id mal-Parlament f'kull stadju fid-dibattitu tar-riżoluzzjonijiet skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Nimpenja ruħi li naħdem mill-qrib mal-kumitati parlamentari rilevanti, u li nkun attiv u preżenti matul it-tnejja tar-riżoluzzjonijiet tal-Artikolu 225 tat-TFUE. Nemmen bis-sħiħ li dan se jtejjeb id-djalogu, irawwem il-fiduċja u sens ta' ħidma flimkien lejn għan komuni.

Jiena kompletament konxju li l-għoti ta' informazzjoni u ta' dokumenti huwa aspett essenzjali tal-approfondiment tas-sħubija bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. Għalhekk, nimpenja ruħi li nimplimenta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim Qafas bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, u tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. It-Trattat ta' Lisbona jstabbilixxi l-ugwaljanza tal-Parlament u tal-Kunsill bħala koleġiżlaturi, u jien se niżgura li dan jiġi rispettatt f'termini ta' kif l-informazzjoni tinqasam f'oqsma taħt ir-responsabbiltà tiegħi, jiġifieri fl-istess ħin u fl-istess livell mal-Kunsill, kull meta l-kompetenzi ta' dawn l-istituzzjonijiet ikunu ugwali.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Iżvilupp:

1. Għajnuna umanitarja u ġestjoni tal-kriżijiet

Il-kuntest globali ra l-ħtiġijiet umanitarji jżiedu rapidament, l-aktar minħabba l-kunflitti iżda wkoll minħabba l-impatt tad-diżastri naturali, u hekk kif “il-kriżijiet isiru aktar severi, aktar kumplessi u aktar fit-tul”. B’mod parallel, l-iżviluppi fl-azzjoni esterna tal-UE huma favur li jkun hemm komplementarjetà, koerenza u konsistenza aktar b’saħħithom fost il-politiki esterni. L-ittra ta’ missjoni tiegħek titolbok “taħdem ma’ Kummissarji oħra dwar l-iżvilupp ta’ approċċ integrat, li jiżgura li l-politiki umanitarji, ta’ żvilupp, ta’ sigurtà u ta’ politiki oħrajn jaħdmu flimkien biex joħlqu rabtiet aħjar bejn soluzzjonijiet urġenti u soluzzjonijiet fit-tul”.

X’taħseb li huma l-isfidi ewlenin għall-għajnuna umanitarja fil-ħames snin li ġejjin, u inti, bħala Kummissarju, kif se taħdem biex dawn tindirizzahom u tiżgura li l-għajnuna umanitarja tal-UE tibqa’ qasam ta’ politika separat, iggwidat mill-ħtiġijiet u l-prinċipji umanitarji tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza, u mhux immexxi minn objettivi ta’ politika barranija?

Meta nosserva x-xenarju li fiħ se jkollhom joperaw l-għajnuna umanitarja u l-ġestjoni tal-kriżijiet fil-ħames snin li ġejjin, jispikkaw tlett sfidi prominenti.

L-ewwel nett, id-diżastri kkawżati mill-bniedem qed idumu iktar u huma aktar kumplessi, u jaffettwaw lill-UE b’mod aktar dirett. Il-kriżijiet fit-tul saru n-norma: attwalment il-kriżijiet umanitarji qed idumu medja ta’ disa’ snin. Ħafna konflitti għandhom riperkussjonijiet reġjonali drammatiċi, b’effetti sekondarji mhux intenzjonati fuq l-aċċess għall-għajnuna umanitarja, il-protezzjoni tal-popolazzjonijiet milquta u s-sigurtà tal-ħaddiema umanitarji, bi ksur tal-Liġi Umanitarja Internazzjonali. Il-kriżijiet umanitarji qed iseħħu wkoll aktar spiss fil-viċinat tal-UE, pereżempju fl-Ukrajna jew fil-Libja, u għandhom impatt dirett fuq l-UE, bħall-ispostament sfurzat u l-migrazzjoni irregolari mis-Sirja, l-Afganistan jew l-Iraq. Konsegwentement, l-għadd ta’ persuni li jeħtieġu għajnuna umanitarja qed jżied kontinwament. Il-finanzjament meħtieġ biex ikopri dawn il-ħtiġijiet huwa smat għal kważi EUR 20 biljun fis-sena. Peress li l-UE hija waħda mid-donaturi ewlenin ta’ għajnuna umanitarja u ta’ servizzi li jintervjenu f’emerġenza, l-isfida se tkunu li jsir aktar għal numru aktar ta’ nies, u li r-riżorsi disponibbli jintużaw b’mod aktar effiċjenti.

It-tieni nett, id-diżastri naturali qed jżiedu fl-intensità u fl-iskala tagħhom minħabba t-tibdil fil-klima. L-Uragan Dorian, in-nixfiet fil-Qarn tal-Afrika, jew l-għargħar fl-Iran huma ftit eżempji ta’ diżastri bħal dawn. Il-kost uman tad-diżastri naturali f’dawn l-aħħar għaxar snin huwa vvalutat għal 67,000 mewt fis-sena, b’żieda ta’ kważi 70 miljun persuna midruba, li sfaw bla dar jew li jeħtieġu assistenza ta’ emerġenza. L-Ewropa mhijiex waħedha. Mill-2010, id-diżastri naturali kkawżaw medja ta’ aktar minn EUR 13 biljun fi ħsara fl-Ewropa biss. Il-fatt li l-pajjiżi Ewropej tat-Tramuntana raw kundizzjonijiet ta’ klima xorta persistenti li wassal għal nirien fil-foresti f’żewġ snin konsekuttivi huwa tfakkira ċara li t-tibdil fil-klima qed jittrasforma x-xejriet ta’ riskju b’pass aċċellerat. Dan isaħħaħ il-ħtieġa tal-Patt Ekoloġiku Ewropew biex jgħin fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fl-Ewropa u lil hinn minnha, iżda wkoll biex jiżgura li s-soċjetajiet jkunu aktar reżiljenti u kapaċi jadattaw aħjar għall-impatti inevitabli tat-tibdil fil-klima.

It-tielet nett, l-għadd ta' persuni mġiegħla jaħarbu minn djarhom huwa l-ogħla wieħed mit-tieni Gwerra Dinjija 'l hawn. Aktar minn 70 miljun persuna llum huma spostati. Kull minuta, kull ġurnata, 31 persuna ikollhom jgħaddu minn din ix-xorti. Filwaqt li l-kunflitti għadhom is-sors ewlieni ta' spostament, it-tibdil fil-klima kulma jmur qed iġiegħel lin-nies jaħarbu minn djarhom minħabba r-riżorsi naturali li qed jonqsu, l-opportunitajiet limitati ta' għajxien u n-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel.

Jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni, sal-2050, se jkun hemm aktar minn 140 miljun persuna spustata internament fl-Afrika Sub-Saħarjana, fl-Asja t'Isfel u fl-Amerika Latina. Filwaqt li 85 % tal-persuni spostati huma ospitati f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, uħud mir-refuġjati u mill-migranti jagħmlu triqithom lejn l-UE biex jaħarbu mill-persekuzzjoni, kundizzjonijiet diffiċli f'pajjiżi ta' ażil, jew biex ifittxu opportunitajiet ekonomiċi u ħajja aħjar.

F'dan l-isfond, fil-ħidma tiegħi bħala Kummissarju għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet, responsabbli *inter alia* għall-għajnuna umanitarja, jien se nsegwi tliet għanijiet ewlenin:

L-ewwel nett, peress li l-għajnuna umanitarja ma tistax u ma għandhiex tissostitwixxi soluzzjoni politika għal kunflitt, se naħdem mill-qrib mal-kontropartijiet tiegħi fil-politika barranija, l-iżvilupp, il-viċinat u l-portafolji ta' sigurtà biex niżgura li l-aspetti kollha ta' kriżi jiġu indirizzati b'mod koerenti u komuni. Kif indikat fl-ittra ta' missjoni tal-President-elett, jien se nipromwovi approċċ integrat, li jiżgura li politiki umanitarji, ta' żvilupp, ta' sigurtà u politiki oħra jaħdmu flimkien biex ikun hemm rabta aħjar bejn l-għajnuna urġenti u s-soluzzjonijiet fit-tul, filwaqt li fl-istess ħin jiġu rispettati l-prinċipji tal-għajnuna umanitarja.

Fl-istess ħin, u f'kooperazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli / Viċi President u mal-Kummissarji għar-relazzjonijiet esterni, beħsiebni naċċellera b'mod proattiv il-ħidma tagħna bil-għan li tinħoloq rabta bejn l-għajnuna umanitarja, l-iżvilupp u s-sigurtà, sabiex jintlaħqu b'mod effettiv u effiċjenti riżultati konkreti, li jinvolvu lill-partijiet interessati rilevanti kollha. Għal dan il-għan, se nagħti attenzjoni partikolari lill-ħtieġa għall-adattament għat-tibdil fil-klima, it-tiżiħ tar-reżiljenza u t-tħejjija ta' komunitajiet vulnerabbli, u t-tiżiħ tal-kapaċitajiet ta' twissija bikrija tagħna.

It-tieni, se nipromwovi bis-sħiħ li l-għajnuna umanitarja tal-UE tingħata skont il-Liġi Umanitarja Internazzjonali u l-prinċipji umanitarji. L-esperjenza tal-Kummissjoni turi b'mod ċar li r-rispett tal-Liġi Umanitarja Internazzjonali u l-prinċipji umanitarji huwa ħtieġa operattiva li tgħin biex jiġi pprovdut aċċess għall-assistenza, biex jiġu protetti dawk l-aktar vulnerabbli u biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ħaddiema umanitarji. Dan kollu mhux negozjabbli: aħna obbligati lejn il-ħaddiem umanitarji li jirriskjaw ħajjithom ta' kuljum biex jagħtu assistenza lil persuni fil-bżonn. B'rabta ma' dan, se nitkellem meta jseħħ ksur serju tal-Liġi Umanitarja Internazzjonali. Jien se nappoġġa organizzazzjonijiet li jipromwovu l-Liġi Umanitarja Internazzjonali fost il-partijiet għallieda fuq il-post u li jiddefendu tali prinċipji kemm fi ħdan il-gruppi armati nazzjonali kif ukoll fi gruppi armati mhux Statali. Se naħdem ukoll mal-kollegi tiegħi fil-Kulleġġ biex kemm jista' jkun tiġi integrata l-Liġi Umanitarja Internazzjonali fl-istrumenti tal-finanzjament tal-azzjoni esterna tagħna li jmur lil hinn mill-għajnuna umanitarja, bħall-bini ta' kapaċità għas-sigurtà u l-iżvilupp fl-ambitu tal-politika tagħna tal-iżvilupp, jew il-Faċilità Ewropea għall-Paċi proposta. Se niffaċilita wkoll il-ħidma fuq it-tagħlimiet miksuba u l-aħjar Prattiki sabiex inkunu nistgħu nitjiebu, abbażi ta' dak li jaħdem l-aħjar fil-qasam. Jien se nsostni l-protezzjoni kif ukoll is-sikurezza u s-sigurtà tal-

ħaddiema umanitarji permezz ta' promozzjoni kontinwa fil-livell globali, fil-fora multilaterali u fil-kuntatti bilaterali.

It-tielet, se nistinka biex niżgura li r-rispons tagħna għal emerġenza u l-isforzi ta' għajjnuna umanitarja jissaħħu aktar. Dan huwa indispensabbli jekk l-Ewropa se tkompli jkollha rwol ewlieni biex tgħin lin-nies fil-bżonn. Nixtieq naħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew dwar dan, mhux biss minħabba l-kompetenzi tiegħu fil-qasam tal-baġit tal-UE, iżda wkoll minħabba li ċ-ċittadini tal-Ewropa – rappreżentati minnkom – għandhom id-dritt li jaraw l-impatt tanġibbli li l-għajjnuna umanitarja għandha fil-prattika, hekk li kważi 90 % ta' ċ-ċittadini tal-UE jappoġġjaw bil-qawwa. Aħna obbligati lejn iċ-ċittadini tagħna, kif ukoll lejn in-nies li nappoġġaw fi kriżijiet umanitarji, li nuru li kull Euro li jiġi mill-baġit tal-UE għal dak l-iskop jintefaq bl-aktar mod effiċjenti u effikaċi possibbli.

2. Protezzjoni ta' ċittadini / Liġi Umanitarja Internazzjonali

L-ittra ta' missjoni tiegħek tenfasizza b'mod ċar li “l-Ewropa għandha tkun difensur globali b'saħħtu b'appoġġ għal-Liġi Umanitarja Internazzjonali”. Huwa ċar li l-aċċess għal popolazzjonijiet vulnerabbli u s-sigurtà għall-ħaddiema tal-għajjnuna huma t-tnejn essenzjali biex tingħata għajjnuna umanitarja effettiva. Il-każijiet ta' ksur tal-Liġi Umanitarja Internazzjonali u l-immirar intenzjonat tal-persuni ċivili u l-assi ċivili huma fatturi qawwija ta' kunflitti u kriżijiet illum, u qed isiru dejjem aktar komuni.

F'dan il-kuntest ta' kriżijiet kumplessi, x'passi konkreti se tiegħu bħala Kummissarju biex tiżgura li l-istati u l-atturi mhux statali armati jikkonformaw mal-Liġi Umanitarja Internazzjonali u biex tiżgura l-protezzjoni tal-persuni ċivili, b'mod partikolari l-gruppi vulnerabbli bħalma huma l-bniet u n-nisa, kif ukoll tkompli tinsisti fuq l-importanza li jiġi żgurat aċċess sikur għall-ħaddiema umanitarji għal persuni milquta minn kriżi?

Il-promozzjoni tar-rispett tal-Liġi Umanitarja Internazzjonali, il-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli – b'mod partikolari l-bniet u n-nisa – u l-iżgurar ta' aċċess umanitarju huwa kruċjali aktar minn qatt qabel fil-kuntest tal-kunflitti li qed naraw illum. Dan huwa qasam li fih se naħdem mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli / Viċi President.

B'mod partikolari, bħala Kummissarju għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet beħsiebni niffoka fuq dan li ġej:

L-ewwel nett, se nitkellem b'mod konsistenti u b'enfasi kull meta jkun hemm ksur tal-Liġi Umanitarja Internazzjonali. Filwaqt li qed tiddefendi l-Liġi Umanitarja Internazzjonali, se nimpenja ruħi mal-partijiet kollha li jistgħu jaffettwaw il-konflitt direttament. Se nħaddan ukoll il-protezzjoni, is-sikurezza u s-sigurtà tal-ħaddiema umanitarji u tal-kura tas-saħħa permezz ta' promozzjoni kontinwa fil-livell globali tal-Liġi Umanitarja Internazzjonali fin-Nazzjonijiet Uniti u fora internazzjonali oħra, kif ukoll fi djalogi bilaterali ma' pajjiżi terzi u Stati Membri ewlenin.

It-tieni, permezz tal-finanzjament tagħna tal-għajjnuna umanitarja, se nkompli nappoġġja lil dawg l-organizzazzjonijiet li jkunu kapaċi jaħdmu direttament ma' atturi armati fuq il-post biex ixerrdu l-għarfien dwar il-Liġi Umanitarja Internazzjonali u jippromwovu l-aderenza magħha, u nappoġġa l-operat tagħhom fil-prevenzjoni tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-

ġeneru - kemm jekk dawn l-atturi jkunu forzi armati nazzjonali kif ukoll jekk ikunu gruppi armati mhux tal-istat.

It-tielet, se naħdem mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli / Viċi President, inhegħegħ u nappoġġa l-inklużjoni konsistenti tal-Liġi Umanitarja Internazzjonali u t-taħriġ dwar il-ġeneru fil-ħidma tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet kollha rilevanti tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni. Bl-istess mod, se nipromwovi l-Liġi Umanitarja Internazzjonali u l-prevenzjoni tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru permezz tal-appoġġ usa' li l-UE tipprovdi fis-setturi tas-sigurtà ta' għadd ta' pajjiżi milquta mill-kunflitti jew li huma suxxettibbli għall-kunflitti, b'mod partikolari permezz tal-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi, l-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika, u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi futura.

Nixtieq inqiegħed fiċ-ċentru tal-kuntatti mal-Istati Membri u l-pajjiżi terzi l-promozzjoni kostanti tal-Liġi Umanitarja Internazzjonali, inkluż l-enfasi fuq ksur serju meta jseħħ. Beħsiebni nirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew dwar dan l-impenn.

3. Implimentazzjoni tal-Grand Bargain u impenji tas-Summit Umanitarju Dinji

Fl-2016, bħala parti mill-ewwel Summit Umanitarju Dinji li qatt sar, l-UE u l-Istati Membri tagħha ħadu impenji importanti biex jaħdmu sabiex inaqqsu l-ħtiġijiet u jagħtu forma ġdida lis-sistema ta' għajjnuna umanitarja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea – flimkien ma' wħud mill-pajjiżi donaturi l-aktar importanti, l-organizzazzjonijiet ta' għajjnuna u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) – kienet ukoll firmatarja ta' "Grand Bargain" fejn ġew definiti 51 impenn separat biex jitjiebu l-effiċjenza u l-effikaċja tal-għajjnuna umanitarja internazzjonali.

Bħala Kummissarju, kif se tiżgura li l-UE u l-Istati Membri tagħha jimplimentaw l-impnjen li ħadu waqt is-Summit Umanitarju Dinji, u tiżgura li l-Kummissjoni twettaq l-impnjen tagħha tal-Grand Bargain (inkluż, inter alia, l-appoġġ għal aktar ippjanar pluriennali u finanzjament tal-għajjnuna umanitarja, is-simplifikazzjoni tal-finanzjament umanitarju, jew l-appoġġ ta' risponenti lokali u nazzjonali)?

Bħala Kummissarju għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet, se niżgura li l-impnjen tas-Summit Umanitarju Dinji u l-Grand Bargain jibqgħu jiġu implimentati, b'attenzjoni partikolari fuq l-oqsma ewlenin li ġejjin:

L-ewwel nett, se nibni fuq il-progress li diġà sar lejn aktar effiċjenza u effikaċja tal-għajjnuna. Dan ifisser li tiġi żgurata l-applikazzjoni sistematika ta' approċċi innovattivi fl-għoti ta' għajjnuna umanitarja, inkluż permezz ta' żieda ulterjuri ta' trasferimenti ta' flus, strateġiji ta' loġistika mtejba u użu akbar ta' soluzzjonijiet diġitali. Dan ifisser ukoll implimentazzjoni ħafna aktar estensiva tar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp kif ukoll l-implimentazzjoni tal-għodod li huma disponibbli għal valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet u analiżijiet effettivi u kkoordinati, li l-UE kellha rwol ewlieni fl-iżvilupp tagħhom fl-ambitu tal-Grand Bargain.

It-tieni, l-intenzjoni tiegħi hija li nagħti eżempju għal prattika ta' donazzjonijiet aktar effiċjenti, permezz ta' tranżizzjoni lejn appoġġ strateġiku pluriennali għall-organizzazzjonijiet li joperaw fis-settur tal-għajjnuna umanitarja. F'dan ir-rigward, se nipromwovi sħubijiet pilota addizzjonali ma' numru ta' sħab umanitarji biex jiġu operazzjonalizzati l-impnjen ewlenin tal-Grand Bargain, filwaqt li jiġu żgurati standards

għoljin ta' kontroll u affidabbiltà fuq l-użu tal-fondi tal-UE. Barra minn hekk, se niżgura li r-rieżami perjodiku ewlieni li jmiss tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija ma' sħab umanitarji tal-NGOs ikun iċċentrat aktar fuq il-prestazzjoni operazzjonali, biex b'hekk ikollu impatt pożittiv fuq l-effiċjenza u l-effikaċja skont l-impenji tal-Grand Bargain.

It-tielet, se ngħin biex nappoġġa lid-donaturi lokali u nazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni ta' strateġiji nazzjonali u lokali għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, kif ukoll ta' sistemi lokali ta' azzjoni bikrija, il-promozzjoni tal-inklużjoni ta' organizzazzjonijiet lokali fil-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tal-pajjiżi u l-appoġġ lill-atturi lokali bħala organizzazzjonijiet implimentattivi ta' sħab umanitarji tal-UE.

Fl-aħħar nett, kull meta jkun possibbli, se nżid l-użu ta' programmar ibbażat fuq ir-riskji u finanzjament ibbażat fuq il-previżjonijiet sabiex inkun nista' niprijoritizza t-tnejn u l-azzjoni bikrija bbażati fuq l-evidenza. F'dan ir-rigward se nibni fuq il-progress qawwi li sar lejn l-inklużjoni ta' attivitajiet ta' tnejn għad-diżastri fi proġetti umanitarji ffinanzjati mill-UE.

Biex jiġi massimizzat l-ammont ta' fondi li jilhqqu direttament lin-nies li jinsabu fil-bżonn, se nipromwovi pożizzjonijiet komuni flimkien mal-Istati Membri tal-UE u ma' donaturi oħra dwar kwistjonijiet ewlenin strateġiċi u ta' effiċjenza, bħat-tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi u ta' appoġġ, is-simplifikazzjoni tal-mandati, u sinerġiji mtejba bejn l-organizzazzjonijiet tal-għajnuna.

4. Reżiljenza, tibdil fil-klima u Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri

It-tibdil fil-klima huwa wieħed mill-isfidi globali ewlenin għall-umanità fis-seklu 21, peress li jhedded li l-kapaċità kurrenti tas-sistema umanitarja biex twieġeb b'mod effettiv għall-perikli, il-vulnerabbiltajiet u l-ispejjeż ta' rispons li qed jizdeddu ma tlaħħaqx miegħu. F'dan l-isfond, huwa tal-akbar importanza li l-isforzi għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri lokali jiġu adattati u estenzi biex jiġu inkorporati r-riskji, inklużi dawk relatati mal-klima, f'azzjonijiet umanitarji, ta' rkupru u ta' żvilupp b'mod aħjar.

Bħala Kummissarju, x'miżuri beħsiebek tieħu biex tnaqqas id-distakk bejn l-istrumenti u l-atturi tal-għajnuna umanitarja u tal-iżvilupp tal-UE, sabiex tinbena r-reżiljenza lokali – b'mod partikolari għat-tibdil fil-klima – u jiġu appoġġati mekkaniżmi bbażati fuq il-komunità li jinkorporaw it-tnejn u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri għal emerġenza, biex jiġu promossi politiki bbażati fuq ir-riskji u jiġi żgurati l-użu effettiv tal-assistenza tal-UE?

M'hemm l-ebda dubju li t-tibdil fil-klima wassal għal żieda fl-intensità u l-kumplessità tad-diżastri naturali. L-evidenza xjentifika tikkonferma li anke jekk it-tiżnin globali jista' jkun limitat għal 1.5-2 gradi, fid-dinja kollha se jinħassu impatti sinifikanti.

Il-perikli naturali ta' spiss huma prevedibbli u rikorrenti. Filwaqt li tibni fuq il-politiki tal-UE dwar l-iżvilupp, it-tibdil fil-klima u l-politiki ambjentali, l-UE għandha tiżgura li dawn il-perikli ma jinbidlux f'diżastri billi tiffoka aktar fuq il-prevenzjoni, t-tnejn u l-adattament għall-klima. L-investiment f'dawn l-oqsma mhux biss isalva l-ħajjiet, iżda għandu wkoll impatt ekonomiku pożittiv: euro li tintefaġ fuq il-prevenzjoni tiffranka bejn tlieta u seba' euro li jkun jeħtieġ li jmorru għal operazzjonijiet ta' rispons.

Fl-istess ħin, għandna nistennew aktar avvenimenti ta' temp estrem (eż. ċikluni tropikali, għargħar u nixfiet) kif ukoll żieda f'mard li jinġarr minn organiżmi, bħall-malarja jew id-deni

dengue. Dan, min-naħa tiegħu, x'aktarx li jiggrava l-isfidi umanitarji li qed jiffaċċjaw għadd ta' pajjiżi u reġjuni madwar id-dinja: is-Saħel, il-Qarn tal-Afrika u l-Afganistan, biex insemmu xi wħud B'mod partikolari, l-isfidi x'aktarx li jirriżultaw minn aktar insigurtà tal-ikel, l-iskarsezza tal-ilma u t-tibdil fix-xejriet tax-xita, kif ukoll diżastri li jolqtu suċċessjoni rapida u/jew f'żoni li preċedentement ma kinux suxxettibbli għal avvenimenti bħal dawn (eż. iċ-ċikluni Idai u Kenneth fil-Mozambique) Is-sistema umanitarja waħedha ma tistax tindirizza l-ħtiġijiet li jirriżultaw minn sfidi bħal dawn. Huwa ċar li l-ġhajjnuna umanitarja ma tistax tissostitwixxi soluzzjonijiet politiċi u ta' żvilupp fit-tul li n-nies fi kriżijiet tant jeħtieġu b'mod urġenti. Għalhekk, il-bini tar-reżiljenza jfisser l-użu tal-istrumenti kollha eżistenti b'mod aktar komplementari, f'konformità mal-approċċ integrat li jinsab fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

Fil-pajjiżi tagħha stess, l-Unjoni Ewropea diġà kisbet esperjenza siewja fl-abbinament tal-politiki tagħha għall-prevenzjoni tad-diżastri u għall-ġestjoni tar-riskji. Il-klima, l-ambjent, il-koeżjoni u l-iżvilupp reġjonali, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, il-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex jiżguraw li l-prevenzjoni u t-tħejjija jkun parti mill-istrateġija usa' tagħna biex nadattaw għat-tibdil fil-klima u nimmitigawha. Jien nimpnija ruħi li naħdem mill-qrib mal-Kummissjari kolleġi tiegħi responsabbli għal dawn il-politiki biex jiġu identifikati approċċi integrati u strumenti ta' koordinati disponibbli biex jappoġġjawhom. Dan jinkludi l-appoġġ ta' soluzzjonijiet kosteffikaċi bbażati fuq in-natura biex jitnaqqas ir-riskju ta' diżastri u tinbena r-reżiljenza, bħal pereżempju l-protezzjoni tal-ġhargħar u tal-kosta, il-ġestjoni tal-ilma u s-sigurtà tal-ikel bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew. Se nwettag ukoll il-bini ta' netwerk ta' għarfien dwar il-ġestjoni tal-emerġenza biex jittejjbu l-attivitajiet tal-UE matul kull fażi taċ-ċiklu tal-ġestjoni tad-diżastri (prevenzjoni, tħejjija u reazzjoni), il-kondiviżjoni tal-għarfien, l-istimolu tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-bini ta' kultura komuni għal prevenzjoni tad-diżastri u preparatezza għalihom. Fl-aħħar nett, permezz ta' politiki bbażati fuq l-evidenza, nistgħu nagħmlu saħansitra aktar biex inżidu l-investment sostenibbli u nipprovdur appoġġ prattiku lis-sħab sabiex jinkiseb l-aħjar livell ta' prevenzjoni u tħejjija.

Fil-kuntest umanitarju, huwa essenzjali li tiżdied ir-reżiljenza tal-komunitajiet vulnerabbli u t-tħejjija tagħhom fil-konfront ta' kriżijiet u pressjonijiet. Sabiex jinkisbu l-oġettivi msemmija mill-Parlament Ewropew, l-UE ser teħtieġ li tapplika b'mod sistematiku l-approċċ iffokat fuq ir-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp imniedi fl-2017 u msaħħaħ fl-2018. Se nipromwovi azzjonijiet speċifiċi għall-kuntest, ibbażati fuq analiżi infurmata tar-riskji, il-kawżi sottostanti u l-fatturi ta' reżiljenza, u vvalutati b'mod konġunt mill-atturi umanitarji u tal-iżvilupp.

Flimkien mal-Kummissarju għas-Sħubiji Internazzjonali, beħsiebi wkoll nimmassimizza l-komplementaritajiet u s-sinerġiji tal-istrumenti eżistenti għas-settur umanitarju u tal-iżvilupp, sabiex ikunu jistgħu jikkontribwixxu aħjar biex itemmu l-kriżijiet billi jsaħħu r-reżiljenza tal-komunitajiet lokali, jappoġġjaw il-mekkaniżmi bbażati fil-komunità u jippromwovu l-iżvilupp. F'dan il-kuntest, se nagħmel l-almu tiegħi biex ninkorpora r-reżiljenza fl-azzjonijiet kollha tagħna, u se nsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u s-sħab multilaterali u bilaterali f'dan il-qasam. Huwa ovvj u li diviżjoni ċara tax-xogħol tiggarrantixxi konformità mal-mandat u mas-sensibilità kemm tal-ġhajjnuna umanitarja kif ukoll tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

5. Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja

Ir-rilevanza tal-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja tal-2007 (bi qbil bejn il-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill) ġiet ikkonfermata mill-predeċessur tiegħek fl-okkażjoni tal-10 anniversarju tiegħu.

Tista' terġa' tikkonferma l-validità tal-Kunsens bħala dokument ta' gwida għall-Għajnuna Umanitarja tal-UE, tiddefinixxi x'miżuri konkreti beħsiebek tiegħu biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tiegħu mill-UE u l-Istati Membri tagħha, u tispjega liema rwol taħseb li se jkollu l-Parlament fil-monitoraġġ ta' din l-implimentazzjoni?

Nikkonferma li l-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja jibqa' l-qafas ta' gwida għall-Għajnuna Umanitarja tal-UE. Matul l-aħħar għaxar snin, dan ikkonsolida l-impenji tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri biex jipprovdu rispons tal-UE b'diversi aspetti għall-kriżijiet umanitarji. Dan serva bħala d-dokument ta' referenza u minn dak iż-żmien ġie rifless fl-atti legali u ta' politika rilevanti adottati fil-livell tal-UE. L-implimentazzjoni tal-Kunsens wasslet għal titjib fil-kwalità tal-għajnuna umanitarja tal-UE, għal aktar koordinazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, u għal aktar koerenza bejn l-isforzi umanitarji u ta' żvilupp. Għalhekk se nfitteż li l-validità tal-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja tiġi kkonfermata mill-ġdid fil-livell politiku, u fil-kuntest tal-isfidi umanitarji tal-lum.

Lil hinn mill-approvazzjoni politika, huwa importanti li l-partijiet kollha tal-Kunsens jibqgħu impenjati li jiżguraw it-tweqqif f'azzjonijiet konkreti fuq il-post, għall-benefiċċju ta' nies fil-bżonn. Se niddefendi l-implimentazzjoni tal-Kunsens permezz ta' azzjonijiet konkreti li jiżguraw li: l-ewwel nett, **l-UE tagħti riżultati aħjar** billi tiffoka fuq għadd ta' prijoritajiet ta' politika, bħall-ispostament sfurzat, il-Liġi Umanitarja Internazzjonali jew l-impatt tat-tibdil fil-klima; it-tieni, **l-UE taġixxi bħala unità**, permezz ta' approċċ integrat u r-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp, kif ukoll permezz ta' koordinazzjoni akbar mal-Istati Membri; it-tielet, l-UE **twettaq aktar** permezz tal-baġit tal-għajnuna umanitarja tal-UE, strumenti oħra tal-UE (bħall-komponent tar-reżiljenza tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp), u koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-finanzjament u t-tqassim tax-xogħol mal-Istati Membri. Dawn kollha għandhom jimmassimizzaw l-impatt kollettiv tal-UE fuq il-post u jkun ta' benefiċċju għan-nies fil-bżonn.

Il-Parlament Ewropew ilu jaqdi rwol sinifikanti biex jenfasizza l-importanza tal-Kunsens u jippromwovi l-implimentazzjoni effettiva tiegħu. Se nipproponi lill-Parlament Ewropew jippreżenta aġġornamenti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Kunsens matul Djalogu Strutturat apposta.